



# IL-BELT TIEGĦEK SE TKUN IL- PIJUNIERA EKOLOĠIKA EWROPEA GĦAT-TURIŻMU INTELLIĠENTI?

SKEDA INFORMATTIVA





# IL-BELT TIEGĦEK SE TKUN IL-PIJUNIERA EKOLOĠIKA EWROPEA GĦAT-TURIŻMU INTELLIĠENTI?

Il-Kummissjoni Ewropea qed tnedi kompetizzjoni ġdida biex tippremja t-titlu tal-**Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti għall-2024**. Dan il-premjju jimmira sabiex jagħti rikonoxximent lil destinazzjonijiet aktar żgħar li implimentaw strateġiji ta' suċċess sabiex jagħtu spinta lit-**turiżmu sostenibbli** permezz ta' prattiki ta' tranżizzjoni ekoloġiċi.

Il-Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti hija **s-suċċessur tal-kompetizzjoni tad-Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza (EDEN)** li kienet ġiet introdotta l-ewwel mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007 biex tippremja d-destinazzjonijiet turistiċi sostenibbli emerġenti u mhux tradizzjonali fl-Ewropea. Hija l-ekwivalenti għall-premjju tal-Kapitali Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti, għal **destinazzjonijiet iżgħar u iktar sostenibbli**.

Id-destinazzjoni li turi l-aktar strateġiji jew miżuri ta' suċċess biex tagħti spinta lit-**turiżmu sostenibbli** permezz ta' prattiki ta' tranżizzjoni ekoloġiċi – u tikkonvinċi lill-Ġurija Ewropea bi programm eċċitanti għas-sena fejn tkun qed iżżomm it-titlu – se tiġi ppremjata t-titlu tal- "**Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti għall-2024**".

Applika online permezz tas-sit web [SmartTourismCapital.eu](https://SmartTourismCapital.eu) sal-5 ta' Lulju 2023 fil-17:00 CET.

## DWAR XIEX INHI DIN L-INIZJATTIVA?

Il-Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti hija inizzjattiva tal-UE, implimentata mill-Kummissjoni Ewropea, li se ttejjeb il-profil tal-Ewropa bħala destinazzjoni turistica u se twaqqaf network biex taqsam l-aħjar prattiki fost id-destinazzjonijiet Ewropej.

L-ivvjaġġar sostenibbli ilu tiggwida l-politika tat-turiżmu Ewropew għal dawn l-aħħar snin, immexxija minn domanda u aspettattivi dejjem jikbru kemm mill-vjaġġaturi u kif ukoll mill-komunitajiet lokali. Waqt li l-pandemija tal-COVID 19 ipparalizzat l-ivvjaġġar fl-aħħar snin, kienet ukoll opportunità unika biex wieħed jibda mill-ġdid, jibdel il-mentalità kulturali u joħroġ minnha aktar reżiljenti.

Is-settur turistiku huwa t-tielet l-ikbar attività soċjoekonomika tal-UE, u għandu rwol kruċjali fil-kontribuzzjoni għat-**tkabbir, ix-xogħlijiet u l-koeżjoni**. Għandu potenzjal immens li jikber aktar billi jagħmel l-esperjenzi tal-viżitaturi isbaħ, joħloq sħubiji u opportunitajiet ta' kooperazzjoni ġodda u kif ukoll isaħħaħ is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fil-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa.

Billi tippremja l-prattiki eżemplari tat-turiżmu sostenibbli, l-Unjoni Ewropea tixtieq tinkoraġġixxi soluzzjonijiet ta' tranżizzjoni ekoloġiċi u tippromwovi mudell ta' turiżmu sostenibbli u innovattiv.



## X'JAGĦMEL BELT TKUN PIJUNIERA EKOLOĠIKA?

Belt pijuniera ekoloġika, għall-għan ta' dan il-kuntest, hija definita bħala belt li:

- timplimenta soluzzjonijiet ta' tranżizzjoni ekoloġiċi biex issir destinazzjoni turistica sostenibbli
- timmaniġġja / tipproteġi r-riżorsi naturali tagħha billi tirrispetta kompletament l-ambjent u l-bijodiversità
- tuża l-kapital territorjali, soċjali u uman għat-tkabbir tas-settur tat-turiżmu, għall-prosperità tal-belt u għal kwalità ta' ħajja aħjar għall-abitanti tagħha

## GĦALIEX IL-BELT TIEGĦEK GĦANDHA TAPPLIKA SABIEX TKUN IL-PIJUNIERA EKOLOĠIKA EWROPEA GĦAT-TURIŻMU INTELLIĠENTI?

It-titlu ta' Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti 2024 se joffri opportunità unika sabiex il-belt tikseb komunikazzjoni mmirata u appoġġ għall-promozzjoni tal-marka għal sena minn grupp ta' esperti fil-qasam. Permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni estensivi, ir-rebbieħa se titqiegħed fuq il-mappa tad-destinazzjonijiet turistiċi sostenibbli u se tikseb viżibbiltà bħala pijuniera ekoloġika għat-turiżmu intelliġenti fl-UE.

Flimkien ma' trofew, il-belt se tirċievi skultura kbira magħmula apposta għaliha li se titqiegħed fiċ-ċentru tal-belt biex timmarka l-impenn tagħha għat-turiżmu sostenibbli.

Fost benefiċċji oħra, l-azzjonijiet promozzjonali tal-belt se jingħataw spinta permezz tal-iżvilupp ta' preżentazzjoni bil-vidjow qasira li tenfasizza l-kisbiet tagħha u eżebizzjoni waqt avveniment turistik u jew fiera tal-ivvjaġġar tal-UE ewlieni.

Being Li tkun il-Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti 2024 għalhekk se tippermetti lill-belt rebbieħa sservi ta' ispirazzjoni għal destinazzjonijiet turistiċi oħra fl-Ewropa, ittejjeb il-profil tal-belt tagħha bħala destinazzjoni tal-ivvjaġġar ta' kwalità, tattira l-viżitaturi u tiġġenera tkabbir ekonomiku b'mod sostenibbli.

## MIN JISTA' JIPPARTEĊIPA?

Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-bliet li:

- jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew pajjiż mhux tal-UE li qed jieħu sehem fil-programmi COSME u tas-Suq Uniku<sup>1</sup>
- Għandha popolazzjoni bejn 25 000 u 100 000 resident. Għal pajjiżi iżgħar b'popolazzjoni totali taħt il-miljun ruħ, jistgħu japplikaw id-destinazzjonijiet b'aktar minn 5 000 resident

*Jekk jogħġbok irreferi għall-Gwida għall-Applikanti (Guide for Applicants) għall-informazzjoni ddettaljata dwar il-kriterji tal-eleġibbiltà li għandhom jiġu sodisfatti.*

<sup>1</sup> L-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Kosovo, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna u r-Renju Unit <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/39579>; u kif ukoll l-Iżlanda, il-Liechtenstein n-Norveġja [https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/smp/guidance/list-3rd-country-participation\\_smp\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/smp/guidance/list-3rd-country-participation_smp_en.pdf)



## KIF SE TINGĦAŻEL IR-REBBIEĦA?

Se titnieda sejħa għall-applikazzjonijiet **f' Mejju 2023**, bid-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet iffissata għal Lulju 2023. Waqt il-fażi tal-preselezzjoni, l-applikazzjonijiet eleġibbli kollha se jiġu evalwati kontra sett ta' kriterji għall-għoti stabbiliti minn bord ta' esperti indipendenti. Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni se toħroġ lista qasira ta' massimu ta' 4 ibliet li se jiġu mistiedna sabiex jippreżentaw il-kandidatura tagħhom quddiem Ġurija Ewropea li se tagħżel il-Pijuniera Ekoloġika Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti għall-2024.

*Jekk jogħbok irreferi għall-Gwida għall-Applikanti (Guide for Applicants) għal informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni u s-sistema tal-evalwazzjoni.*

## DATA EWLENIN

---

Tnedija tal-kompetizzjoni: **5 ta' Mejju 2023**

Data ta' skadenza tal-applikazzjoni: **5 ta' Lulju 2023 sal-17:00 CET**

Perjodu tal-evalwazzjoni: **Lulju – Awwissu 2023**

Tħabbira tal-finalisti fil-lista l-qasira: **Settembru 2023**

Laqgħa tal-Ġurija Ewropea u tħabbira tar-rebbieħa: **Novembru/ Diċembru 2023**

---

## AKTAR INFORMAZZJONI:

Jekk jogħbok aqra l- **[GWIDA GĦALL-APPLIKANTI](#)** (GUIDE FOR APPLICANTS) fuq **[SmartTourismCapital.eu](https://SmartTourismCapital.eu)**

Ikkuntattjana fuq **[info@SmartTourismCapital.eu](mailto:info@SmartTourismCapital.eu)**